# ĊINKWANTINARJU (1944-1994)

mill-Kan Jos Bonello



*L-istatwa ta' San Lawrenz fuq il-pedistall ta' San Ġużepp fil-Knisja Kolleġjata ta' Bormla.*

Ħamsin sena ilu, nhar il-Ħadd 30 ta' Lulju 1944 saret Purċissjoni devota bl-istatwa ta' San Lawrenz mill-Kolleġġjata ta' Bormla għall-Kolleġġjata tal-Birgu. Din il-ġrajja nisslet ferħ kbir f'qalb il-poplu tal-Kottonera, u swiet ħafna biex tressaq iktar lejn xulxin il-Bormliżi mal-poplu tal-Birgu, kienet ġrajja unika li fiha ż-żewġ popli ta' Bormla u l-Birgu jingħaqdu flimkien biex iwasslu lil San Lawrenz lejn il-Knisja u l-Belt tiegħu, fost il-kant, il-ferħ u d-daqq tal-qniepen, wara r-rovina enormi li ġabet il-gwerra fil-Kottonera kollha. Tajjeb, għalhekk li nfakkru din il-ġrajja sabieħa u unika fl-istorja tagħna.

## Belt Storika

Il-Birgu, li ħa l-isem mill-Borgo del Castello (Sant'Anġlu), huwa l-ewwel Belt li bnew il-Kavallieri fostna, u l-ewwel Parroċċa ta' Malta, li għandha ħajja ta' madwar 900 sena. Il-Birgu huwa tassew Belt; għandu dak kollu li jagħmlu belt, tant li bħall-Belt Valletta fil-Birgu nsibu l-Bereg, l-Infermerija, il-Fran, l-Armerija, it-tarzna u s-swar. Il-Birgu kien ġojjel ta' l-istorja tagħna, b'dawk it-toroq dojoq li jwasslu lkoll għal dik il-pjazza stupenda bit-Torri ta' l-Arloġġ f'nofsha, tipo Firenze. Kienet il-belt tal-Birgu li tatna dik ir-rebħa kbira fl-Assedju l-Kbir tal-1565; Rebħa li ta' l-Birgu l-isem glorjuż ta' VITTORIOSA.

## Fil-gwerra tal-1940 - 1944

Iżda jekk il-Birgu rebaħ l-Assedju tal-1565 tilef kważi kollox fl-aħħar gwerra. F'Ġunju 1940 faqqgħet il-gwerra u dan ġiegħel lin-nies tal-Kottonera jibdew jitilqu minn djarhom u jfittxu rifuġju f'inħawi oħra ta' Malta. Ftit nies baqgħu l-Birgu għax il-Kotonera kienet l-aktar naħa li fuqha bdiet nieżla xita ta' bombi. In-nies li baqa' bdew jgħixu fix-shelters imħaffra fil-blat taħt is-swar.

Fil-Birgu sa dakinhar ta' HMS Illustrious ma tantx kienet saret ħsara, iżda dakinhar stess nhar il-Ħamis 16 ta' Jannar 1941 intlaqtet is-sagrestija ta' San Lawrenz u mietu 30 ruħ fosthom is-sagristan Lorenzo Degabriele; b'xorti tajba salvat tarbija mirduma fit-trab, Maria Dolor Attard (oħr is-sagristan ta' Bormla). Il-Ħadd ta' wara ntlaqtet il-Knisja tal-Lunzjata u waqgħet il-koppla. Ix-xita tal-bombi kompliet tiżdied tant li fil-Kottonera kienet qed issir ħerba sħiħa; intlaqtet il-Bażilika ta' l-Isla u waqa' l-famuż Torri tal-Arloġġ tal-Birgu. Sofriet ħsarat kbar il-Knisja ta' San Lawrenz tant li wara kellhom iwaqqgħu il-koppla. Fil-Birgu baqa' biss il-Kan. Paolino Galea, li kien għadu kemm ħa l-pussess ta' Arċipriet tal-Birgu fl-Oratorju ta' Stella Maris tas-Sliema, mill-Viġarju Ġenerali Pawlu Galea. Dun Pawl Galea laħaq Arċipriet flok l-Arċipriet Farrugia li kien sar Monsinjur

tal-Katidral.

Il-kappella tal-Pulizija fis-Sur, bdiet tintuża bħala Parroċċa għax il-Knisja ta' San Lawrenz sofriet ħsarat kbar. F'din il-Kappella kienu jiġu amministrati s-sagramenti u darba saret ukoll il-festa ta' San Lawrenz meta poġġew fejn l-artal statwa tal-qaddis li kienet tintrama fit-triq nhar il-festa.

## *SAN LAWRENZ F'BORMLA*

Fil-gwerra l-istatwa ta' San Lawrenz ittieħdet fil-kunvent tas-sorijiet Benedittini fl-Imdina, u fis-sena 1942 nhar l-10 ta' Awissu saret il-festa fil-parroċċa tar-Rabat, meta San Lawrenz tpoġġa fejn l-artal maġġur fuq il-pedistal ta' San Pawl. Fis-sena 1943 il-festa saret il-Birgu, iżda bi statwa oħra ta' San Lawrenz (taċ-Ċorma) li kienet tkun fit-triq f'jum il-festa. Kienet l-ewwel darba li saret festa fil-Birgu matul il-gwerra.

Sadanittant l-attakki bdew jiħfiefu u xi nies bdew jiġu lura lejn djarhom. Il-Kapitlu tal-Birgu ddeċieda li jġib lura l-istatwa ta' San Lawrenz għall-festa tal-10 ta' Awissu. Għalhekk talab lill-Kapitlu ta' Bormla biex jekk jogħġbu jaċċetta li l-vara ta' San Lawrenz tinġieb fil-parroċċa ta' Bormla. Il-kapitlu ta' Bormla aċċetta bil-qalb kollha din l-istedina u ġie deċiż li l-Pellegrinaġġ minn Bormla għall-Birgu jsir il-Ħadd 30 ta' Lulju 1944. Ġimgħa qabel San Lawrenz wasal Bormla mir-Rabat u tqiegħed fuq il-pedestall ta' San Ġużepp, sar id-damask fin-nava fejn kienet il-vara u tqiegħdu quddiemu ħafna bukketti tal-fjuri.

Il-Ħadd 30 ta' Lulju 1944 f'nofsinhar daqqet mota bil-kbir u filgħaxija saret il-purċissjoni bl-istatwa ta' San Lawrenz bil-kapitlu tal-Birgu fost il-ferħ ta' kulħadd, meta ħadu sehem eluf ta' nies mhux biss mill-Birgu iżda mill-Kottonera kollha.

## *RINGRAZZJAMENT*

Il-kapitlu tal-Birgu bagħat ittra ta' ringrazzjament iffirmata mill-Kan Lorenzo Zammit, is-segretarju. Il-Kapitlu ta' Bormla tant apprezza din il-grajja li l-kanonċi ddeċidew li kull sena fl-10 ta' Awissu jindaqqu l-qniepen waqt il-purċissjoni ta' San Lawrenz. Mhux hekk biss, iżda l-banda tal-Birgu "Duke of Edinburgh" stiednet il-Kapitlu ta' Bormla biex ikun preżenti fil-Każin tal-Banda, meta ġie ppreżentat "salib pectorali" lil Mons Arċisqof Mikiel Gonzi, li kien għandu kemm laħaq Arċisqof ta' Malta. Wara l-mewt ta' l-imsemmi Arċisqof dan is-salib rega' ġie mogħti lura lill-poplu Vittoriosan sabiex jintlibes fuq l-istatwa ta' San Lawrenz.

Kien xieraq għalhekk li l-Kapitlu tal-Birgu u l-Banda "Duke of Edinburgh" ġew mistiedna għall-Pellegrinaġġ famuż li sar nhar il-Ħadd 19 ta' Novembru 1944 minn Birkirkara għal Bormla bl-istatwa u l-Kwadru inkurunat ta' Marija Mmakulata. Il-Banda tal-Birgu stenniet il-Madonna fi Pjazza Paolino Vassallo, Bormla u l-Kapitlu fil-Knisja Kolleġġjata ta' Bormla.

### *Appell li deher fil-ġurnal "Leħen is-Sewwa" - il-Ġimgħa 23 ta' Lulju, 1944*

## *L-ISTATWA TA' SAN LAWRENZ MILL-ĠDID FIL-BIRGU*

Nhar il-Ħadd 30 ta' Lulju, fil5.30pm l-Arċipriet flimkien mal-Kapitlu tal-Kolleġġjata ta' San Lawrenz tal-Birgu, jitilqu mill-Knisja Kolleġġjata għall-Kolleġjata ta' Bormla, biex jittrasportaw l-antika statwa ta' San Lawrenz. L-istatwa tiġi meħuda lejn il-Birgu b'pellegrinaġġ ta' devozzjoni u bħala sinjal ta' ħajr. Fil-Knisja Kolleġġjata tal-Birgu jsir diskors mill-Arċipriet, Antifona tal-Qaddis u Barka. L-Arċipriet jittama li wlied il-Belt Rebbieħa jmorru lkoll jieħdu sehem fil-pellegrinaġġ bl-istatwa tal-qaddis patrun u protettur tagħhom.



*L-istatwa ta' San Lawrenz magħrufa bħala "taċ-Ċorma" fil-Pjazza tar-Rebħa fil-Festa ta' l-1943.*